# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI MENGOZZI

ippreżentati fis-7 ta' Settembru 2010[1]

## I — Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 KE *et seq.* fil-kuntest ta' rikors ippreżentat minn ċittadin Ġermaniż kontra deċiżjoni ta' awtorità Awstrijaka li timponilu multa amministrattiva abbażi tal-fatt li dak iċ-ċittadin kiser id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet bil-mongolfjera fl-Awstrija.

2. L-interess f'din il-kawża, li wassal sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tassenjaha mill-ġdid lill-Awla Manja, li għandha tiddeċiedi wara li jkunu nstemgħu l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, kif ukoll li terġa' tiftaħ il-proċedura orali, jirrigwarda l-kwistjoni dwar fid-dawl ta' liema regoli tad-dritt primarju jew sekondarju tal-Unjoni għandha tiġi eżaminata l-provvista ta' tali servizzi ta' trasport.

## II — Il-kuntest ġuridiku

### A — *Id-dritt Awstrijak*

3. L-Artikolu 102 tal-Liġi dwar it-trasport bl-ajru (Luftfahrtgesetz), kif emendata (iktar 'il quddiem il-"LFG")[2], jissuġġetta b'mod partikolari t-trasport kummerċjali ta' passiġġieri, ta' posta u/jew ta' merkanzija permezz ta' inġenji tal-ajru mingħajr mutur għall-kisba, minn naħa, ta' liċenzja tat-trasport, kif speċifikat fl-Artikoli 104 *et seq.* tal-LFG u, min-naħa l-oħra, ta' liċenzja operattiva, kif speċifikat fl-Artikolu 108 tal-istess liġi, maħruġa mill-awtoritajiet Awstrijaki kompetenti.

4. Skont l-Artikolu 106 tal-LFG, il-liċenzja tat-trasport tinħareġ:

— jekk l-applikant ikun ċittadin ta' Stat li jkun parti għall-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992[3] ikun residenti fl-Awstrija, ikun affidabbli u jkun professjonalment kompetenti,

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — BGB1. 253/1957 u BGB1. I, 83/2008 rispettivament.

3 — ĠU L 1, p. 3.

— jekk tiġi żgurata s-sigurtà tal-operazzjoni u tintwera l-kapaċità finanzjarja tal-impriża, u

— jekk tingħata prova li ġew stabbiliti l-assigurazzjonijiet previsti fl-Artikolu 164 tal-LFG jew fir-Regolament (KE) Nru 785/2004[4].

5. L-Artikolu 106 tal-LFG jippreċiża wkoll li, f'każ fejn l-imprenditur ma jkunx persuna fiżika, l-impriża jrid ikollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-Awstrija u li l-maġġoranza tal-kapital azzjonarju tagħha jrid ikun f'idejn ċittadini ta' Stat li jkun parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

6. Skont l-Artikolu 108 tal-LFG, liċenzja operattiva tingħata meta l-impriża tat-trasport bl-ajru tkun it-titulari ta' liċenzja tat-trasport u s-sigurtà tat-traffiku tkun iggarantita.

7. Barra minn hekk, b'applikazzjoni tal-Artikolu 169 tal-LFG, l-eżerċizzju tal-attività tat-trasport bl-ajru kummerċjali ta' passiġġieri fin-nuqqas tal-liċenzji mitluba mill-Artikolu 102 tal-LFG huwa ppenalizzat b'multa ta' ammont minimu ta' EUR 3 630.

B — *Id-dritt Ġermaniż*

8. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 20(1) tal-Liġi dwar it-traffiku tal-ajru (Luftverkehrgesetz)[5] jeżiġi l-ħruġ ta' liċenzja operattiva li tippermetti t-twettiq ta' trasport bl-ajru kummerċjali ta' passiġġieri u merkanzija bil-mongolfjeri. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-ħruġ, issir enfasi fuq l-affidabbiltà meħtieġa mill-persuni responsabbli għat-trasport.

9. Skont l-Artikolu 20(2) tal-imsemmija liġi, il-liċenzja tista' tinkludi dispożizzjonijiet partikolari. Din tiġi rrifjutata meta jkun hemm ċirkustanzi li jindikaw li jista' jkun hemm theddida għas-sigurtà pubblika jew għall-ordni pubbliku, b'mod partikolari meta l-persuna li tkun ippreżentat it-talba jew persuni oħrajn responsabbli mit-trasport ma jkunux affidabbli. Tiġi rrifjutata meta ma tkunx tista' tinġieb prova tal-eżistenza ta' mezzi finanzjarji, jew ta' garanziji korrispondenti li jkunu neċessarji għall-operazzjoni kummerċjali konformi mar-rekwiżiti fil-qasam tas-sigurtà. Tista' tiġi rrifjutata wkoll meta jkun previst l-użu ta' tagħmir li ma jkunx irreġistrat fir-reġistru

4 — Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 160).

5 — BGBl. 2007, I, p. 698.

Ġermaniż tal-inġenji tal-ajru jew li ma jkunux il-proprjetà esklużiva tal-persuna li tkun ippreżentat l-applikazzjoni. Ir-reġistri tal-Istati rregolati mid-dritt tal-avjazzjoni tal-Komunità Ewropea huma ekwiparati għar-reġistru Ġermaniż tal-inġenji tal-ajru.

## III — Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10. M. Neukirchinger, residenti f'Passau (il-Ġermanja), jopera fil-Ġermanja impriża tat-titjiriet bil-mongolfjera. Fit-2 ta' Marzu 1999, l-awtoritajiet Ġermaniżi tawh awtorizzazzjoni ta' tlugħ barra minn ajrudrom sabiex jagħmel titjiriet bil-mongolfjeri liberi minn postijiet mhux speċifikati minn qabel, li jinsabu barra minn żoni b'densità ta' popolazzjoni għolja. Din l-awtorizzazzjoni tistipula obbligi ddettaljati dwar il-mod kif għandhom isiru t-titjiriet bil-mongolfjera u l-karatteristiċi tal-mongolfjera. M. Neukirchinger sussegwentement sar l-amministratur ta' Bayernhimmel Ballonfahrt GmbH, kumpannija stabbilita fil-Ġermanja, u li kisbet liċenzja operattiva maħruġa fil-15 ta' April 2003 mill-awtoritajiet Ġermaniżi.

11. Fid-19 ta' Ġunju 2007, M. Neukirchinger għamel titjira bil-mongolfjera minn Wies (l-Awstrija), immarkata b'"magħmudija" tal-arja.

12. Fit-22 ta' Jannar 2008, il-Bezirkshauptmannschaft Grieskirchen (amministrazzjoni tad-distrett Awstrijak ta' Grieskirchen) ħadet deċiżjoni amministrattiva ta' natura penali ("Straferkenntnis") kontra M. Neukirchinger flimkien ma' multa ta' EUR 3 630, konvertibbli f'181 jum ta' detenzjoni f'każ li tali multa ma titħallasx. Il-Bezirkshauptmannschaft Grieskirchen ikkunsidrat li t-titjira kummerċjali li saret fid-19 ta' Ġunju 2007 kienet tikkostitwixxi ksur abbażi tal-Artikolu 169 tal-LFG, peress li saret mingħajr il-liċenzji previsti fl-Artikolu 102 tal-LFG.

13. Fir-rikors tiegħu kontra dik id-deċiżjoni, ippreżentat quddiem l- Unabhängiger Verwaltungssenat des Landes Oberösterreich (l-Awstrija), M. Neukirchinger sostna b'mod partikolari li l-fatt li l-attività ta' titjiriet bil-mongolfjera ġiet suġġetta għall-kisba ta' liċenzja tat-trasport u liċenzja operattiva jmur kontra l-libertajiet fundamentali previsti mit-Trattat KE u li impriża Awstrijaka tat-titjiriet bil-mongolfjera ma għandha ebda bżonn li tikseb mill-ġdid tali liċenzji fil-Ġermanja jekk hija jkollha diġà l-liċenzji maħruġa fl-Awstrija.

14. Peress li kienet tal-fehma li t-titjiriet bil-mongolfjera ma kinux jikkostitwixxu provvista ta' servizzi ta' trasport u waqt li rrilevat li l-operazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr mutur ma kinitx armonizzata fuq livell Komunitarju, l-Unabhängiger Verwaltungssenat des Landes Oberösterreich

issospendiet il-proċeduri quddiemha u għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti tliet domandi preliminari:

1) L-Artikoli 49 [KE] *et seq* għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li teżiġi li persuna stabbilita fi Stat Membru ieħor u li għandha fl-imsemmi Stat liċenzja maħruġa skont is-sistema legali ta' dan l-Istat sabiex isiru titjiriet kummerċjali bil-mongolfjera (fil-Ġermanja), sabiex topera titjiriet kummerċjali bil-mongolfjera fl-Awstrija, għandu jkollha l-uffiċċju rreġistrat jew ir-residenza f'dan l-aħħar Stat [...]?

2) L-Artikoli 49 [KE] *et seq* għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li min għandu liċenzja sabiex jopera titjiriet kummerċjali bil-mongolfjera, u li huwa stabbilit fi Stat Membru ieħor u awtorizzat skont is-sistema legali ta' dan tal-aħħar, għandu jikseb liċenzja oħra sabiex jopera titjiriet kummerċjali fi Stat Membru ieħor, għalkemm ir-rekwiżiti ta' din il-liċenzja ġdida huma essenzjalment identiċi għal dawk previsti għal-liċenzja diġà maħruġa fl-Istat ta' oriġini, iżda bil-kundizzjoni addizzjonali li l-applikant għandu jkollu l-uffiċċju rreġistrat jew ir-residenza fl-Istati Membru fejn ser isiru t-titjiriet (f'dan il-każ, fl-Awstrija)?

3) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 102, 104 u 106, meqjusin flimkien, tal-[LFG] jiksru l-Artikolu 49 [KE] meta l-persuna li għandha liċenzja u li hija stabbilita fil-Ġermanja tkun suġġetta għal [sanzjonijiet] amministrativi minħabba li użat il-liċenzja tagħha fl-Awstrija u konsegwentement tiġi miċħuda aċċess għas-suq, u sa fejn, skont l-Artikolu 106(1) tal-[LFG], ma tistax tinkiseb din il-liċenzja, u lanqas liċenzja sabiex tibda topera jekk ma jinħoloqx uffiċċju rreġistrat separat u/jew residenza fl-Awstrija u mingħajr ma tiġi rreġistrata mill-ġdid il-mongolfjera fl-Awstrija li diġà ġiet irreġistrata fil-Ġermanja?

## IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

15. B'mod konformi mal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mir-Repubblika tal-Awstrija, mir-Repubblika tal-Polonja kif ukoll mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

16. B'deċiżjoni tal-1 ta' Settembru 2009, il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvjat il-kawża quddiem it-Tieni Awla. Peress li ebda waħda mill-persuni interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ma talbet li tinstema' fl-osservazzjonijiet orali tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tgħaddi għas-sentenza mingħajr ma ssir seduta għas-sottomissjonijiet orali. Barra

minn hekk, hija ddeċidiet li l-kawża għandha tiġi deċiża mingħajr il-preżentazzjoni ta' konklużjonijiet mill-Avukat Ġenerali.

17. Fl-4 ta' Frar 2010, it-Tieni Awla ddeċidiet, skont l-Artikolu 44(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tirrinvija l-kawża lil din tal-aħħar, li assenjata mill-ġdid lill-Awla Manja u ddeċidiet li tagħti lok għall-preżentazzjoni ta' konklużjonijiet mill-Avukat Ġenerali.

18. Fil-21 ta' April 2010, l-Awla Manja ordnat li tinfetaħ mill-ġdid il-proċedura orali billi stiednet lill-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jesprimu ruħhom dwar liema regola tad-dritt primarju jew sekondarju tal-Unjoni tista', jekk ikun il-każ, tapplika għal-libertà li jiġi pprovdut servizz li jikkonsisti fit-trasport bl-ajru kummerċjali ta' passiġġieri bil-mongolfjera, fid-dawl tal-Artikolu 51(1) KE.

19. M. Neukirchinger, ir-Repubblika tal-Awstrija, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet orali tagħhom dwar din il-kwistjoni matul is-seduta li saret fil-15 ta' Ġunju 2010.

## V — Analiżi

20. Għandu jitfakkar li, essenzjalment, il-LFG tissuġġetta t-trasport ta' passiġġieri u/jew merkanzija bil-mongolfjera minn fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor għall-kundizzjoni li jkollu liċenzja tat-trasport u liċenzja operattiva Awstrijaċi, li jinħarġu bil-kundizzjoni, b'mod partikolari, li l-fornitur ikun residenti fl-Awstrija jew, fil-każ ta' persuna ġuridika, li jkollha l-uffiċċju rreġistrat fl-Awstrija.

21. Id-diffikultà prinċipali f'din il-kawża tinsab fil-kwistjoni dwar jekk it-titjiriet kummerċjali ta' passiġġieri bil-mongolfjera jaqgħux taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi (Artikoli 49 KE *et seq.* tat-Trattat) jew jekk din l-attività taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Trattat dwar il-politika komuni tat-trasport (Artikoli 70 KE sa 80 KE).

22. Jekk tittieħed definizzjoni ġenerali ta' trasport fis-sens li jikkonsisti fil-ġarr ta' persuna jew diversi persuni u/jew merkanzija minn post għall-ieħor bl-għajnuna ta' vetturi, jistgħu jqumu ċerti dubji dwar jekk il-mongolfjeri jappartjenux għall-kategorija ta' mezzi tat-trasport. B'mod partikolari, huwa magħruf li, minħabba d-dipendenza

tagħhom fuq l-irjieħ, u minkejja l-progress teknoloġiku, dawn il-mezzi jiggarantixxu biss b'mod approssimattiv il-wasla f'post ta' destinazzjoni ppjanat[6].

23. Fuq l-istess bażi, wieħed jista' jissuġġerixxi wkoll li, minħabba n-natura kompletament marġinali tal-attività tat-titjiriet bil-mongolfjera, dawn tal-aħħar iktar joqorbu lejn il-libertà li jiġu pprovduti servizzi turistiċi milli lejn is-suq ta' trasport kummerċjali ta' passiġġieri u/jew merkanzija. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fis-sentenza reċenti tagħha Presidente del Consiglio dei Ministri[7], il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat in-natura diskriminatorja ta' taxxa reġjonali stabbilita fil-każ ta' waqfa turistika ta' inġenji tal-ajru intiżi għat-trasport privat ta' persuni kif ukoll ta' inġenji rikreattivi li jaffettwaw biss lill-operaturi li għandhom id-domiċilju fiskali tagħhom barra mit-territorju reġjonali fid-dawl tal-Artikoli 49 KE u 50 KE biss, waqt li fakkret il-ġurisprudenza tagħha li tgħid li dawk l-artikoli jinkludu wkoll il-libertà tad-destinatarji, b'mod partikolari turisti, li jibbenefikaw mill-provvista ta' servizzi[8]. F'din il-kawża, għandu jiġi osservat li t-titjira li tat lok għall-kawża prinċipali, li telqet minn mergħa f'lokalità Awstrijaka, ġiet immarkata b'magħmudija tal-arja kkwalifikata bħala "tradizzjonali" mill-qorti tar-rinviju. B'hekk ma jistax jiġi eskluż li s-servizz offrut jiġi kkunsidrat bħala li huwa essenzjalment intiż għal skopijiet rikreattivi, li jista' jwassal sabiex dan jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 49 KE u 50 KE.

24. Għalkemm id-deċiżjoni tar-rinviju ma hijiex immotivata f'dan is-sens, il-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm ġew ifformulati jistgħu b'hekk jispjegaw għalfejn il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 KE.

25. Madankollu, tliet raġunijiet iwassluni sabiex nikkunsidra li s-servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqgħu taħt il-kamp tan-navigazzjoni bl-ajru.

26. Fl-ewwel lok, kif indikaw rispettivament M. Neukirchinger quddiem il-qorti tar-rinviju u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA matul

6 — F'wieħed mir-rumanzi tiegħu ta' avventura, *Cinq semaines en ballon* (Ħames ġimgħat f'mongolfjera), Jules Verne, waqt li semma, permezz ta' artiklu tad-*Daily Telegraph*, il-vjaġġ fl-Afrika li kien qed jistenna wieħed mill-eroj tiegħu, Samuel Fergusson, irrapporta b'enfażi: "[d]an l-esploratur ('discoverer') qalbieni qed jimmira li jaqsam bil-mongolfjera l-Afrika kollha mil-lvant sal-punent. Jekk ninsabu informati tajjeb, il-punt tat-tluq ta' dan il-vjaġġ sorprendenti ser ikun il-gżira ta' Żanżibar fuq il-kosta tal-Lvant. Rigward il-punt tal-wasla, il-Providenza biss tista' tkun tafu" (J. Verne, *Cinq semaines en ballon, voyage de découverte en Afrique par trois anglais*, Bibliothèque d'éducation et de récréation, Hetzel u Cie, Pariġi, 1863, p. 8).

7 — Sentenza tas-17 ta' Novembru 2009 (C-169/08, Ġabra p. I-10821, punti 20 sa 28).

8 — *Ibidem* (punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-mongolfjeri jappartjenu għall-kategorija tal-inġenji tal-ajru kkontemplati mill-Konvenzjoni ta' bażi dwar l-avjazzjoni ċivili internazzjonali ffirmata f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944[9]. Barra minn hekk, huwa stabbilit ukoll, kif semmiet il-Kummissjoni fl-osservazzonijiet tagħha bil-miktub, li matul il-perijodu li fih seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, dawn l-inġenji tal-ajru kienu suġġetti wkoll għad-dispożizzjonijiet tekniċi u għar-regoli tas-sigurtà previsti mir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Lulju 2002, dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropea[10] kif ukoll għall-kundizjzonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani[11], li l-ewwel premessi rispettivi tagħhom jagħmlu referenza espliċita għall-Artikolu 80(2) KE, li jippermetti lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jadotta miżuri adattati għan-navigazzjoni bl-ajru, fil-kuntest tal-kapitolu tat-Trattat dwar it-trasport.

27. Għaldaqdstant ikun inkoerenti, fil-fehma tiegħi, jekk jiġi kkunsidrat li t-titjiriet kummerċjali bil-mongolfjeri jaqgħu parzjalment taħt in-navigazzjoni bl-ajru u, b'hekk, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-politika komuni tat-trasport, waqt li, mill-parti l-oħra, jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

28. Sussegwentement, kif jirriżulta minn qari tad-digriet tar-rinviju, l-attività tar-rikorrent fil-kawża prinċipali, li hija kklassifikata mill-qorti tar-rinviju bħala "trasport bl-ajru kummerċjali ta' passiġġieri fuq mongolfjera" hija rregolata, kemm fil-Ġermanja kif ukoll fl-Awstrija, bil-leġiżlazzjonijiet rispettivi ta' dawk l-Istati Membri dwar it-traffiku bl-ajru kif ukoll mill-awtoritajiet ajrunawtiċi nazzjonali kompetenti.

29. Finalment, iċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali huma differenti minn dawk li taw lok għas-sentenza Presidente del Consiglio dei Ministri, iċċitata iktar 'il fuq. Fil-fatt,

9 — *Recueil des traités des Nations unies* (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), Vol. 1, p. 295. L-Anness 2 ta' dik il-konvenzjoni, li jirrigwarda r-"regoli tal-ajru", jispeċifika effettivament li l-mongolfjeri jaqgħu taħt il-kategorija ta' inġenji tal-ajru. Fl-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub, il-Kummissjoni tiddefinixxi mongolfjera b'dan il-mod: "inġenju tal-ajru mhux immexxi b'mutur li jitla' fl-ajru b'effett tal-elevazzjoni u li jitmexxa fl-atmosfera bl-użu tal-irjieħ".

10 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 7, p. 30. Għandu jiġi osservat li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, tal-20 ta' Novembru 2003, dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 7, p. 541), li ġie adottat fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1592/2002, jiddefinixxi b'mod wiesa' l-inġenji tal-ajru bħala "kull makkinarju li jista' jikseb sostenn fl-atmosfera mir-reazzjonijiet ta' l-arja ħlief reazzjonijiet ta' l-arja kontra il-wiċċ ta' l-art".

11 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 160.

filwaqt li f'din l-aħħar kawża, it-taxxa reġjonali tal-waqfa kienet imposta biss fuq l-operaturi ta' mezzi tat-trasport u mhux fuq is-servizzi tat-trasport infushom [12], li jispjega għalfejn il-Qorti tal-Ġustizzja wasslet sabiex tinvestiga r-relazzjoni bejn dik it-taxxa u d-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi [13], ir-rekwiżiti stabbiliti mil-LFG huma relatati mal-provvista ta' servizzi ta' trasport bl-ajru mwettqa mill-mongolfjera.

30. Għaldaqstant, jidhirli li t-titjiriet kummerċjali bil-mongolfjera, bħal dawk imwettqa mir-rikorrent fil-kawża prinċipali, jappartjenu għall-kamp tan-navigazzjoni bl-ajru.

31. B'mod konformi mal-Artikolu 51(1) KE, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tat-titolu tat-Trattat KE dwar it-trasport, li fosthom hemm l-Artikolu 80(2) KE.

32. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet mill-qari flimkien ta' dawn id-dispożizzjonijiet li fis-settur tat-trasport l-għan inizjali ta' eliminazzjoni gradwali tar-restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kellu jinkiseb fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport [14].

33. Fir-rigward tas-servizzi tat-trasport bl-ajru, l-aħħar stadju tal-liberalizzazzjoni tagħhom fi ħdan il-Komunità sar bl-adozzjoni ta' tliet regolamenti tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1992, magħrufa komunament bħala t-"tielet pakkett tal-ajru", fuq il-bażi tal-Artikolu 84(2) tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 84(2) tat-Trattat KE, li min-naħa tiegħu sar, wara emenda,, l-Artikolu 80(2) KE) [15]. Dawn l-atti segwew l-adozzjoni tal-ewwel u t-tieni "pakketti tal-ajru" rispettivament f'Diċembru 1987 u f'Ġunju 1990.

34. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 2407/92 dwar liċenzjar ta' air carriers, li jagħmel parti integrali mit-tielet pakkett tal-ajru u li kien fis-seħħ fiż-żmien meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, it-trasport bl-ajru ta' passiġġieri, ta' posta u/jew ta' merkanzija, *imwettaq permezz ta' inġenji tal-ajru mingħajr magna ma jaqax taħt l-imsemmi regolament*. Dak l-istess artikolu jipprovdi wkoll li "[g]ħar-rigward ta'

12 — Ara l-punt 24.

13 — Ara l-punti 25 u 26.

14 — Ara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 1989, Corsica Ferries (France) (C-49/89, Ġabra p. 4441, punt 11 u l-ġurisprudenza ċċitata).

15 — Jiġifieri r-Regolament (KEE) Nru 2407/92 dwar liċenzjar ta' air carriers (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 3), ir-Regolament (KEE) Nru 2408/92 dwar aċċess għat-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità għal rotot tal-ajru intraKomunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 420) u r-Regolament (KEE) Nru 2409/92 dwar nollijiet u rati għal servizzi tal-ajru (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 427).

dawn l-operazzjonijiet, għandha tapplika liġi nazzjonali li tirregola liċenzji ta' ħidma, jekk ikun hemm, u liġi tal-Komunità u nazzjonali dwar iċ-ċertifikat ta' l-operatur bl-ajru (AOC)" [16].

35. Is-servizzi mogħtija permezz ta' tali inġenju tal-ajru, bħal dawk ipprovduti mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, b'hekk ma humiex koperti mit-tielet pakkett tal-ajru, ħlief fir-rigward, in parti, tal-għoti ta' ċertifikat ta' trasportatur bl-ajru.

36. Jidher li din hija r-raġuni għalfejn il-Kummissjoni tipproponi li r-risposta għad-domandi li saru tingħata mill-perspettiva tal-Artikolu 54 KE, jiġifieri d-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat, filwaqt li tibbaża ruħha fuq il-punt 26 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja [17].

37. Fil-fatt, f'dak il-punt tal-imsemmija sentenza, li kienet tirrigwarda l-kompatibbiltà mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92, tas-7 ta' Diċembru 1992, li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) [18] ta' regolament nazzjonali li jirriżerva biss għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Griega d-dritt li jipprovdu servizzi ta' rmunkar fil-baħar miftuħ, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li "jirriżulta mill-qari konġunt tal-Artikoli 51(1) KE u 80(2) KE li s-servizzi li jaqgħu fis-settur tan-navigazzjoni, iżda li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 3577/92 jew ta' regoli oħra adottati abbażi tal-Artikolu 80(2) KE, *jibqgħu rregolati mil-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri, bla ħsara għall-Artikolu 54 KE u għal dispożizzjonijiet ġenerali oħra tat-Trattat*" [19].

38. F'dan l-istadju tal-analiżi, jista' jkun hemm it-tentazzjoni li sempliċement jiġu applikati l-prinċipji ta' dik is-sentenza għal din il-kawża u li b'hekk jiġi vverifikat jekk il-kundizzjonijiet imposti mil-LFG josservawx l-Artikolu 54 KE u/jew id-dispożizzjonijiet ġenerali l-oħrajn tat-Trattat, fosthom l-Artikolu 12 KE li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza.

39. Madankollu, qabel kollox, għandha tiġi eżaminata l-oġġezzjoni mqajma matul is-seduta mir-Repubblika tal-Awstrija li tgħid li l-Artikolu 54 KE ma jistax jiġi applikat fil-qasam tat-trasport peress li dik id-dispożizzjoni, bl-istess mod

16 — L-Artikolu 2(d) tar-Regolament Nru 2407/92 jiddefinixxi ċ-ċertifikat ta' operatur bl-ajru (AOC) kif ġej: "dokument maħruġ lil kull impriża jew kull grupp ta' impriżi mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li jaffermaw li l-operatur inkwistjoni għandu l-abbiltà professjonali u organizzattiva biex jiżgura l-operazzjoni mingħajr periklu ta' ajruplan għall-attivitajiet ta' avjazzjoni speċifikati fiċ-ċertifikat".

17 — Sentenza tal-11 ta' Jannar 2007 (C 251/04, Ġabra p. I 67).

18 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 10.

19 — Korsiv miżjud minni.

bħall-Artikolu 49 KE, tappartjeni għat-tielet parti tal-Kapitolu 3 tat-Titolu III tat-Trattat KE, li skont l-Artikolu 51(1) KE ma tirregolax il-libertà li jiġu pprovduti servizzi f'dan il-qasam.

40. Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 54 KE, "[s]akemm l-abolizzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-għoti tas-servizzi ma tiġix effettwata, kull Stat Membru għandu japplika dawn ir-restrizzjonijiet mingħajr distinzjoni minħabba ċittadinanza jew residenza għal dawk kollha li jagħtu servizz msemmija fl-Artikolu 49, paragrafu 1 [KE]".

41. Il-post li għandu l-Artikolu 54 KE fl-iskema tat-Trattat KE jimmilita favur l-argument issollevat mir-Repubblika tal-Awstrija li jgħid li dik id-dispożizzjoni ma tirregolax is-servizzi li jaqgħu taħt l-oqsma tan-navigazzjoni marittima jew bl-ajru, bl-istess mod bħad-dispożizzjonijiet l-oħrajn li jiffurmaw it-tielet parti tal- Kapitolu 3 tat-Titolu III tat-Trattat KE.

42. Madankollu, żewġ elementi jwassluni sabiex nikkwalifika sew dik l-evalwazzjoni.

43. Minn naħa, kif diġà enfasizzajt, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ssuġġettat l-eżerċizzju tal-kompetenza residwali tal-Istati Membri f'qasam li jaqa' taħt in-navigazzjoni marittima, mhux kopert mid-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju tal-Unjoni, għall-osservanza tal-Artikolu 54 KE u ta' dispożizzjonijiet *ġenerali oħrajn* tat-Trattat, sabiex b'hekk donnha timplika li dak l-artikolu huwa ta' portata ġenerali, mhux limitat għas-servizzi li jaqgħu taħt it-tielet parti tal-Kapitolu 3 tat-Titolu III tat-Trattat KE.

44. Min-naħa l-oħra, kif fakkret il-Kummissjoni matul is-seduta, peress li għall-kuntrarju ta' dispożizzjonijiet oħrajn ta' natura tranżitorja, l-Artikolu 54 KE ma ġiex abrogat meta saret reviżjoni tat-Trattat KE u l-kontenut mhux mibdul ta' dak l-artikolu issa jinsab fl-Artikolu 61 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), din id-dispożizzjoni għandha jibqa' jkollha effett utli. Għalkemm huwa ċar li, wara t-tmiem tal-perjodu tranżitorju, ir-restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ġew aboliti u li, konsegwentement, l-Artikolu 54 KE sar irrilevanti għas-servizzi li jaqgħu taħt it-tielet parti tal-Kapitolu 3 tat-Titolu III tat-Trattat KE [20], dan jista', min-naħa l-oħra, iżomm funzjoni residwali fil-qasam tat-trasport. Fil-fatt, peress li f'dan il-qasam it-twettiq sħiħ u komplet tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi għandu jsir permezz ta' azzjoni leġiżlattiva fuq livell tal-Unjoni mwettqa fil-qafas tal-kapitolu dwar it-trasport, sa kemm tali azzjoni ma tiġix adottata jew tiġi adottata biss parzjalment,

20 — Barra minn hekk, jidher li dan jirriżulta wkoll mis-sentenza tas-26 ta' Novembru 1975, Coenen *et* (39/75, Ġabra p. 1547, punt 8).

ir-restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport ikunu għadhom ma tneħħewx. L-obbligu stabbilit fl-Artikolu 54 KE jista', għaldaqstant, jibqa' jkollu effett utli.

45. Din id-dispożizzjoni tidher li għandha tifsira doppja, li tgħaqqad fl-istess ħin il-prinċipju ta' trattament nazzjonali ma' dak tal-klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit [21]. Fil-fatt, billi jittollera biss l-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet "mhux diskriminatorji", l-Artikolu 54 KE jipprojbixxi, konsegwentement, il-miżuri kollha diskriminatorji abbażi taċ-ċittadinanza jew tar-residenza. Dan ifisser ukoll li, fl-aspettattiva tat-tneħħija tar-restrizzjonijiet l-oħrajn għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-fornituri l-oħrajn kollha ta' servizzi tal-Istati Membri l-oħrajn it-trattament l-inqas restrittiv eventwalment mogħti lil wieħed fosthom. Fi kliem ieħor, fir-rigward ta' dawk ir-restrizzjonijiet li huma applikabbli mingħajr distinzjoni, dik id-dispożizzjoni ma tobbligax lill-Istati Membri jagħtu lill-fornituri ta' servizzi t-trattament li huma jagħtu liċ-ċittadini tagħhom stess, iżda tippreżenta ruħha, b'xi mod, bħala klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit.

46. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel ma' din l-analiżi, ir-risposta għall-ewwel domanda li saret mill-qorti tar-rinviju tkun faċli. Fil-fatt, ma hemm ebda dubju li leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-provvista ta' servizzi minn persuna ġuridika stabbilita fi Stat Membru ieħor għall-kundizzjoni li dik il-persuna jkollha uffiċċju rreġistrat jew tkun tirrisjedi fit-territorju nazzjonali tikkostitwixxi ksur manifest tal-Artikolu 54 KE. Barra minn hekk, fl-osservazzjoniet bil-miktub tagħha, ir-Repubblika tal-Awstrija b'ebda mod ma tipprova tiġġustifika tali differenza fit-trattament u tenfasizza li emenda tal-LFG bil-għan li titneħħa dik il-kundizzjoni għandha tiġi proposta fil-kuntest tar-reviżjoni sussegwenti ta' dik il-liġi.

47. Min-naħa l-oħra, ir-risposta għat-tieni domanda tidher li tqajjem iktar diffikultajiet, ħlief, ovvjament, fir-rigward tal-parti ta' dik id-domanda dwar il-kundizzjoni li wieħed ikollu residenza jew uffiċċju rreġistrat li

21 — Din it-tifsira doppja ġiet enfasizzata minn diversi awturi: ara, b'mod partikolari, U. Draetta, "Commento all'art. 65", taħt id-direzzjoni ta' R. Quadri, R. Monaco, *et.*, *Trattato istitutivo della C.E.E. Commentario*, Giuffrè, Milan, 1965, Vol. I, p. 493 u 494; L. Truchot, taħt id-direzzjoni ta' P. Léger, *Commentaire article par article des traités UE et CE*, Helbing Liechtehahn, Dalloz, Bruylant, l-1 ed., Pariġi, 2000, p. 477. Madankollu għandu jissemma li parti mid-duttrina tiddeduċi biss mill-qari ta' dan it-test il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni (ara, pereżempju, S. Van den Bogaert, *Practical Regulation of the Mobility of Sportsmen in the EU post Bosman*, Kluwer Law International, Den Haag, 2005, p. 122), jew is-sempliċi insistenza dwar l-applikazzjoni tat-trattament nazzjonali [ara, *inter alia*, M. Lugato, "Commento agli articoli 49-55", in Tizzano, A., *Commentario ai Trattati dell'Unione europea e della Comunità europea*, Giuffrè, Milan, 2004, p. 415], waqt li, min-naħa l-oħra, xejra dottrinali oħra tikkunsidra li l-Artikolu 54 KE jikkonsisti biss fi klawżola tan-nazzjon l-iktar favorit (ara, b'mod partikolari, B. Goldman *et.*, *Droit commercial européen*, Dalloz, il-5 ed., Pariġi, 1994, p. 273).

għandha diġà tkun is-suġġett tar-risposta għall-ewwel domanda.

48. Ristretta b'dan il-mod, it-tieni domanda għandha twassal sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-rekwiżit impost b'leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal-LFG, fuq kull operatur ta' titjiriet bil-mongolfjera li jkollu kemm liċenzja tat-trasport kif ukoll liċenzja operattiva jmurx kontra l-Artikolu 54 KE, anki meta dak l-operatur ikun kiseb, fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit, liċenzji li l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tagħhom ikunu identiċi jew ekwivalenti għal dawk mitluba fit-territorju tal-Istat Membru fejn jiġu pprovduti s-servizzi.

49. F'dan ir-rigward, huwa paċifiku li, minbarra evidentement il-kundizzjoni li wieħed ikollu residenza jew uffiċċju rreġistrat fit-territorju nazzjonali, ir-rekwiżit impost fuq il-fornituri li joperaw fit-territorju Awstrijak li jkollhom iż-żewġ liċenzji msemmija hawn fuq japplika mingħajr distinzjoni ta' ċittadinanza jew ta' residenza.

50. Għaldaqstant, l-Artikolu 54 KE ma jopponix, fil-prinċipju, tali rekwiżit, inkwantu l-eliminazzjoni ta' restrizzjonijiet li jirriżultaw minnu għandha ssir, jekk ikun il-każ, fil-qafas tal-atti adottati fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-kapitolu tat-Trattat dwar it-trasport.

51. Madankollu huwa permissibbli li wieħed isaqsi jekk, *fil-kuntest ta' proċedura ta' ħruġ tal-imsemmija liċenzji,* dik l-evalwazzjoni għandhiex tiġi kkwalifikata.

52. Fir-rigward tal-obbligu stabbilit mill-Artikoli 102 u 106 tal-LFG li wieħed ikollu *liċenzja tat-trasport,* il-kundizzjonijiet stabbiliti għall-ħruġ ta' tali liċenzja, ħlief, nerġa' ngħid, dawk dwar il-pussess ta' residenza jew uffiċċju rreġistrat fl-Awstrija, li jirrigwardaw il-prova ta' kapaċitajiet professjonali u finanzjarji suffiċjenti, l-osservanza tar-regoli tas-sigurtà kif ukoll il-prova li r-riskji tal-operat ġew żgurati, jidhru li minn tal-inqas parzjalment, diġà kienu s-suġġett ta' approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fuq livell Komunitarju.

53. Fil-fatt, għandu jitfakkar li, għalkemm l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 2407/92 jeskludi fil-prinċipju l-attivitajiet tat-trasport bl-ajru mwettqa minn inġenji tal-ajru mingħajr magna mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, madankollu jippreċiża li "[g]ħar-rigward ta' dawn l-operazzjonijiet, għandha tapplika liġi nazzjonali li tirregola liċenzji ta' ħidma, jekk ikun hemm, u liġi tal-Komunità u nazzjonali dwar iċ-ċertifikat ta' l-operatur bl-ajru

(AOC)" u li l-Artikolu 2(d) tal-imsemmi regolament jiddefinixxi lil dan tal-aħħar bħala "kull dokument maħruġ lil kull impriża jew kull grupp ta' impriżi mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li jaffermaw li l-operatur inkwistjoni għandu l-abbiltà professjonali u organizzattiva biex jiżgura l-operazzjoni mingħajr periklu ta' ajruplan għall-attivitajiet ta' avjazzjoni speċifikati fiċ-ċertifikat". Barra minn hekk, kif irrilevaw ir-Repubblika tal-Awstrija u l-Kummissjoni, ir-regoli tekniċi u ta' sigurtà previsti mir-Regolament Nru 1592/2002, inklużi dawk adottati fuq il-bażi tiegħu, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw iċ-ċertifikazzjoni tan-navigabbiltà [22], japplikaw għall-mongolfjeri. Barra minn hekk, fir-rigward tal-prova ta' kopertura tar-riskji tal-operat, l-Artikolu 106 tal-LFG jirreferi espressament għar-Regolament Nru 785/2004 dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani.

54. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li l-awtoritajiet ta' Stat Membru li jirrifjutaw kompletament milli jieħdu inkunsiderazzjoni l-liċenzja tat-trasport maħruġa mill-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-fornitur ta' servizzi minkejja li dak id-dokument ikun jiċċertifika, minn tal-inqas parzjalment, li dan tal-aħħar jissodisfa l-kundizzjonijiet msemmija fil-punt preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, ikunu qed imorru kontra l-Artikolu 54 KE u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolamenti ċċitati iktar 'il fuq. Fil-fatt, tali rifjut ikun, b'mod definittiv u *de facto*, ibbażat unikament fuq il-post tal-uffiċċju rreġistrat jew ta' stabbiliment tal-fornitur, u b'hekk, ikun ipprojbit mill-Artikolu 54 KE [23].

55. Jidhirli li din l-evalwazzjoni għandha tiġi estiża wkoll għall-obbligu li wieħed ikollu *liċenzja operattiva*, li l-għoti tagħha jidher li huwa suġġett għal kollox għall-ksib ta' liċenzja tat-trasport, skont l-Artikolu 108(2) tal-LFG, u li għall-ksib tagħha ebda kundizzjoni addizzjonali għal dawk imposti għall-ħruġ ta' liċenzja tat-trasport ma tidher li hija meħtieġa mit-titulari ta' din l-aħħar liċenzja [24].

56. Għandu jingħad ukoll li dan l-approċċ fl-aħħar mill-aħħar ma jidhirx li huwa wisq 'il bogħod minn dak propost fl-osservazzjonijiet

22 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003, tal-24 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 7, p. 456).

23 — Skont il-ġurisprudenza, ir-regoli tat-trattament ugwali bejn ċittadini ta' Stat Membru u ċittadini ta' Stati Membri oħra jipprojbixxu mhux biss id-diskriminazzjoni manifesta bbażata fuq iċ-ċittadinanza jew is-sede fil-każ ta' kumpanniji, iżda wkoll kull forma ta' diskriminazzjoni moħbija li, bl-applikazzjoni ta' kriterji oħrajn ta' distinzjoni, twassal fil-fatt għall-istess riżultat: ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2009, ČEZ (C-115/08, Ġabra p. I-10265, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 — La d-digriet tar-rinviju u lanqas l-osservazzjonijiet tar-Repubblika tal-Awstrija ma jikkonstataw li jista' jkun hemm kundizzjonijiet addizzjonali.

bil-miktub tar-Repubblika tal-Awstrija meta hija tikkunsidra li, *meta l-proċedura għall-ħruġ tal-liċenzja tikkunsidra ġustifikazzjonijiet u garanziji li l-applikant ikun diġà ta fl-Istat Membru tal-oriġini tiegħu,* ir-rekwiżit ta' liċenzja jkun iġġustifikat [25].

57. Madankollu, għandu jitfakkar li l-kawża prinċipali ma tirrigwardax ir-rifjut min-naħa tal-awtoritajiet Awstrijaki kompetenti li joħorġu l-liċenzja tat-trasport u l-liċenzja operattiva lil fornitur ta' servizzi mingħajr ma jkunu ħadu inkunsiderazzjoni dik/dawk miksuba mill-imsemmi fornitur fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit, iżda proċedura penali ta' ksur tal-LFG għall-eżerċizzju illegali ta' attività tal-operazzjoni ta' titjiriet bil-mongolfjera, *fin-nuqqas* taż-żewġ liċenzji meħtieġa minn dik il-liġi.

58. It-tieni domanda li saret mill-qorti tar-rinviju tirrigwarda, fir-realtà, il-kwistjoni dwar jekk għandux jeżisti fuq livell Komunitarju rikonoxximent reċiproku komplet tal-liċenzji tat-trasport u tal-operat maħruġa fl-Istati Membri lill-operaturi li jeżerċitaw l-attività ta' trasport bil-mongolfjera, meta l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-ħruġ tal-imsemmija liċenzji jitqiesu li huma ekwivalenti.

25 — Punt 60 tal-imsemmija osservazzjonijiet. Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li dawn l-osservazzjonijiet jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 KE u mhux tal-Artikolu 54 KE.

59. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandha tingħata risposta negattiva għal din id-domanda. Fil-fatt, l-Artikolu 54 KE ma jistax jimponi tali obbligu fuq l-Istati Membri, jekk ma jridx jinterferixxi mal-kompetenzi tal-istituzzjonijiet politiċi tal-Unjoni li huma inkarigati bl-implementazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport.

60. Fi kwalunkwe każ, ir-risposta għal dik id-domanda ma tkunx differenti, fil-fehma tiegħi, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal-LFG għandha tiġi eżaminata mhux fid-dawl tal-Artikolu 54 KE iżda tal-Artikolu 12 KE, li jipprojbixxi, fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat, kull diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza.

61. Fl-ewwel lok, jidhirli li l-applikabbiltà ta' din l-aħħar dispożizzjoni għal sitwazzjoni bħal dik tal-kawża prinċipali ma għandhiex ostakoli li ma jistgħux jiġu megħluba.

62. Fil-fatt, tali approċċ jirriżulta, fil-fehma tiegħi, b'mod partikolari, mill-interpretazzjoni tal-punt 26 tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq.

63. Din madankollu għandha twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja tmur lil hinn mis-soluzzjoni adottata fis-sentenza Corsica Ferries (France), iċċitata iktar 'il fuq, dwar is-servizzi ta' trasport marittimu.

64. Għandu jitfakkar li, f'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tittratta l-kwistjoni dwar jekk huwiex inkompatibbli mal-Artikolu 59 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 59 KE, li min-naħa tiegħu sar, wara emenda, l-Artikolu 49 KE) li tiġi imposta taxxa differenzjata, li ngħabret fl-1981 u fl-1982, skont jekk il-bastimenti inkwistjoni jagħmlux vjaġġi bejn Korsika u Franza kontinentali jew bejn dik l-istess gżira u port fi Stat Membru ieħor. Wara li fakkret li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport hija rregolata mid-dispożizzjonijiet tat-titolu dwar it-trasport u mhux mill-Artikolui 59 *et seq.* tat-Trattat KEE [26], u li, skont l-Artikolu 84(2) tat-Trattat KEE, il-Kunsill seta' jiddeċiedi jekk, sa liema grad u permezz ta' liema proċedura, setgħu jiġu adottati dispożizzjonijiet adattati għan-navigazzjoni marittima [27], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali (1981 u 1982), il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-settur tat-trasport marittimu kienet għadha ma ġietx stabbilita, iżda kienet biss daħlet fis-seħħ fl-1987 wara l-adozzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 4055/86 [28], li, konsegwentement, kien jimplika li l-Istati Membri kellhom id-dritt japplikaw dispożizzjonijiet ta' tip bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali [29].

65. Għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja ma eżaminatx il-leġiżlazzjoni inkwistjoni f'dik il-kawża fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat, fosthom, b'mod partikolari, l-Artikolu 7 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 6 tat-Trattat KE, li min-naħa tiegħu sar, wara emenda, l-Artikolu 12 KE), kif kien issuġġerixxa l-Avukat Ġenerali [30]. Fil-fatt, f'dik il-kawża ma setgħetx tiġi invokata l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza prevista fl-Artikolu 7 tat-Trattat KEE peress li, fid-dawl tal-esklużjoni tat-trasport mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi intiżi li jikkonkretizzaw u jwettqu din il-projbizzjoni, kieku kellha tiġi invokata dik il-projbizzjoni dan kien imur kontra l-għan ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Fi kliem ieħor, l-Avukat Ġenerali jidher li kien imħasseb li kieku kellu jiġi applikat l-Artikolu 7 tat-Trattat KEE għall-kawża li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha, dan essenzjalment kien iwassal għall-evażjoni tal-inapplikabbiltà tar-regoli ġenerali tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport, kif prevista fl-Artikolu 61 tat-Trattat KEE (li

26 — Sentenza Corsica Ferries (France), iċċitata iktar 'il fuq (punt 11).

27 — *Ibidem* (punt 12).

28 — Regolament tal-Kunsill, tat-22 ta' Diċembru1986, li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU Edizzjoni Specjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 174).

29 — Ara s-sentenza Corsica Ferries (France), iċċitata iktar 'il fuq (punti 13 u 14).

30 — Ara l-punti 12 u 13 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Lenz ippreżentati fil-kawża li tat lok għas-sentenza Corsica Ferries (France), iċċitata iktar 'il fuq.

sar l-Artikolu 61 tat-Trattat KE, li min-naħa tiegħu sar, wara emenda, l-Artikolu 51 KE), inkwantu l-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 7 tat-Trattat KEE ġie implementat, fil-kamp tal-provvista ta' servizzi, mill-Artikolu 59 tat-Trattat KEE [31].

66. Miniex ċert jekk il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja ma semmiet xejn dwar dan il-punt fis-sentenza Corsica Ferries (Franza) għandux jiġi interpretat bħala aċċettazzjoni impliċita tal-proposta fformulata mill-Avukat Ġenerali Lenz. Effettivament, filwaqt li huwa minnu li l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni, kif espress fl-Artikolu 12 KE [32], effettivament ġie implementat, fir-rigward tal-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, mill-Artikolu 49 KE, huwa magħruf li dan tal-aħħar ma jillimitax ruħu għat-tneħħija ta' miżuri diskriminatorji, iżda jirrigwarda, b'mod iktar ġenerali, ir-"restrizzjonijiet", jiġifieri kull miżura li tillimita jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi [33]. Id-distinzjoni bejn, minn naħa, id-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat, fosthom l-Artikolu 12 KE u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 49 KE tirriżulta wkoll mill-interpretazzjoni globali li għandha ssir tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, skont dik il-ġurisprudenza, għalkemm l-għanijiet segwiti mill-Artikolu 49 KE għandhom jiġu implementati, fir-rigward tat-trasport, fil-kuntest tal-politika komuni tat-trasport [34] u, għalkemm it-trasport marittimu u bl-ajru huwa suġġett, minn tal-inqas sa kemm il-Kunsill ma jiddeċiedix mod ieħor, għar-regoli tat-Trattat dwar il-politika komuni tat-trasport, dawn huma madankollu suġġetti, bl-istess mod bħall-mezzi l-oħrajn ta' trasport, għar-regoli ġenerali tat-Trattat [35]. Huwa diffiċli li wieħed jikkonċepixxi li tali ġurisprudenza riedet teskludi dispożizzjoni daqstant fundamentali bħall-Artikolu 12 KE mir-referenza għar-regoli ġenerali tat-Trattat.

67. Għalhekk, f'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12 KE fil-kuntest ta' kawża bħall-kawża prinċipali, il-projbizzjoni stabbilita f'dik id-dispożizzjoni mingħajr ebda dubju tippreKludi li Stat Membru jissuġġetta l-attività ta' fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor għall-kundizzjoni li dak il-fornitur ikollu uffiċċju rreġistrat jew residenza fit-territorju

31 — Ara, f'dan ir-rigward, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' Ottubru 1999, Vestergaard (C-55/98, Ġabra p. I-7641, punt 17); tal-11 ta' Diċembru 2003, AMOK (C-289/02, Ġabra p. I-15059, punt 26).

32 — Fuq il-valur tal-prinċipju ġenerali tal-projbizzjoni stabbilit fl-Artikolu 12 KE, ara s-sentenza ČEZ, iċċitata iktar 'il fuq (punti 89 u 91).

33 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-25 ta' Lulju 1991, Säger (C-76/90, Ġabra p. I-4221, punt 12); tat-8 ta' Ġunju 2000, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-264/99, Ġabra p. I-4417, punt 9), kif ukoll tad-29 ta' April 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-518/06, Ġabra p. I-3491, punt 62, u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Mejju 1985, Il-Parlament vs Il-Kunsill (13/83, Ġabra p. 1513, punt 62) u tat-30 ta' April 1986, Asjes *et* (209/84 sa 213/84, Ġabra p. 1425, punt 37).

35 — Sentenza tal-4 ta' April 1974, Il-Kummissjoni vs Franza (167/73, Ġabra p. 359, punt 32). Ara wkoll is-sentenza Asjes *et* iċċitata iktar 'il fuq (punt 45).

tal-ewwel Stat Membru[36]. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, ir-Repubblika tal-Awstrija b'ebda mod ma pprovat tiġġustifika tali diskriminazzjoni.

evażjoni tal-inapplikabbiltà ta' din l-aħħar dispożizzjoni fil-qasam tat-trasport. Barra minn hekk, kif indikajt fil-punt 59 ta' dawn il-konklużjonijiet fir-rigward tal-Artikolu 54 KE, jekk tiġi adottata interpretazzjoni tal-portata tal-Artikolu 12 KE li tmur lil hinn minn dik tal-Artikolu 49 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun qed tinterferixxi mal-kompetenza tal-istituzzjonijiet politiċi tal-Unjoni li huma inkarigati jimplementaw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport.

68. Min-naħa l-oħra, il-portata tal-projbizzjoni tan-nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, stabbilita fl-Artikolu 12 KE, ma tistax tasal li timponi fuq l-Istati Membri r-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tat-trasport u l-liċenzji operattivi maħruġa fl-Istati Membri l-oħrajn, anki meta dawk il-liċenzji jkunu jiċċertifikaw l-osservanza mill-fornituri ta' servizzi ta' garanziji ekwivalenti, kif tistaqsi l-qorti tar-rinviju fit-tieni domanda preliminari tagħha. Fil-fatt, soluzzjoni kuntrarja twassal sabiex l-Artikolu 12 KE jingħata portata identika għal, jew iktar estiża minn, dik tal-Artikolu 49 KE[37] u, b'hekk, twassal għal

69. Għaldaqstant nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi rispettivament għall-ewwel u t-tieni domandi preliminari fis-sens li, minn naħa, l-Artikolu 54 KE jew, jekk ikun il-każ, l-Artikolu 12 KE, jipprekludu li l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru teżiġi, għall-organizzazzjoni ta' titjiriet kummerċjali bil-mongolfjera fuq it-territorju tagħhom, li fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor ikollu uffiċċju rreġistrat jew residenza fl-ewwel Stat Membru u, min-naħa l-oħra, ħlief fir-rigward tal-kundizzjoni li wieħed ikollu residenza jew uffiċċju rreġistrat fit-territorju nazzjonali, la l-Artikolu 54 KE u lanqas l-Artikolu 12 KE ma jipprekludu li Stat Membru jeżiġi li fornitur ta' servizzi, li jkollu liċenzji għall-organizzazzjoni ta' titjiriet kummerċjali bil-mongolfjera maħruġa fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit, irid jikseb liċenzji ġodda fl-Istat Membri li fit-territorju tiegħu jiġu pprovduti s-servizzi, bil-kundizzjoni li, waqt il-ħruġ tal-liċenzji, l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru jieħdu inkunsiderazzjoni l-garanziji li l-applikant

36 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2009, Gottwald (C-103/08, Ġabra p. I-9117, punt 28).

37 — Infakkar li, fir-rigward tal-legalità ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni preliminari għall-provvista ta' servizzi fi Stat Membru, b'mod konformi mal-Artikolu 49 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu osservati sabiex tinkiseb tali awtorizzazzjoni ma jistgħux jiġu applikati doppjament flimkien mal-kundizzjonijiet legali ekwivalenti diġà sodisfatti fl-Istat Membru ta' stabbiliment: ara s-sentenza tal-11 ta' Marzu 2004, Il-Kummissjoni vs Franza (C-496/01, Ġabra p. I-2351, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

ikun diġà pprovda fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit.

70. Fir-rigward tat-tielet domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju essenzjalment [38] tistaqsi dwar jekk is-sanzjonijiet imposti kontra l-fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor li eżerċità l-attività tiegħu fit-territorju Awstrijak mingħajr ma kellu l-liċenzji tat-trasport u operattivi meħtieġa mil-LFG humiex inkompatibbli mat-Trattat.

71. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar qabelxejn li, minn qari tad-dispożizzjonijiet tal-LFG, ir-rekwiżit li wieħed ikollu residenza jew uffiċċju rreġistrat fl-Awstrija jikkostitwixxi kundizzjoni għall-ksib tal-imsemmija liċenzji. Peress li dik il-kundizzjoni hija, fil-fehma tiegħi, inkompatibbli mal-Artikolu 54 KE jew, jekk ikun il-każ, mal-Artikolu 12 KE, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, stabbilit fil-Ġermanja, fi kwalunkwe każ qatt ma seta' jikseb dawk il-liċenzji mingħajr ma jistabbilixxi d-domiċilju professjonali tiegħu fl-Awstrija.

72. Għaldaqstant, u inkwantu ma jirriżultax mill-proċess li l-kalkolu tal-ammont ta' multi imposti u *a fortiori* l-kalkolu tal-piena ta' sostituzzjoni huma affettwati, b'mod proporzjonat, skont il-kundizzjonijiet differenti għall-ħruġ ta' liċenzji li ġew miksura, il-qorti nazzjonali għandha, b'mod konformi mal-ġurisprudenza, twarrab l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi imposti minħabba n-nuqqas li tiġi sodisfatta formalità amministrattiva meta l-Istat Membru kkonċernat jagħmilha impossibbli li titwettaq dik il-formalità bi ksur tad-dritt tal-Unjoni [39].

73. Għaldaqstant, nipproponi li r-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda preliminari għandha tkun fis-sens li għandhom jibqgħu inapplikati s-sanzjonijiet amministrattivi imposti kontra fornitur ta' servizzi ta' titjiriet kummerċjali bil-mongolfjera li jkun stabbilit fi Stat Membru peress li dak il-fornitur ma jkollux il-liċenzji ta' trasport u l-liċenzji operattivi meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru fejn jiġu pprovduti s-servizzi, li tissuġġetta l-għoti tagħhom għall-kundizzjoni li wieħed ikollu uffiċċju rreġistrat jew residenza f'dak l-aħħar Stat Membru, bi ksur tal-Artikolu 54 KE jew, jekk ikun il-każ, tal-Artikolu 12 KE.

38 — Fil-formolazzjoni tat-tielet domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tenfasizza dwar kundizzjoni li tidher addizzjonali għall-ħruġ tal-liċenzji meħtieġa mil-LFG, jiġifieri li l-fornitur ta' servizzi jrid jirreġistra fl-Awstrija l-mongolfjera użata għat-trasport kummerċjali ta' passiġġieri fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Madankollu, dik il-kundizzjoni la tidher li tirriżulta mit-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali u lanqas li tirriżulta mill-elementi tal-kwistjoni f'dik il-kawża. Barra minn hekk, iż-żewġ domandi preliminari preċedenti ma kinux jirrigwardaw dik il-kundizzjoni, li l-kompatibbiltà tagħha mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat lanqas ma ġiet sottomessa mill-qorti tar-rinviju fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari. Għaldaqstant jidhirli li ma hemmx lok li jsir eżami ta' dik il-kundizzjoni, li barra minn hekk ma huwiex mitlub mill-qorti tar-rinviju.

39 — Ara, fir-rigward ta' sanzjonijiet penali, is-sentenza tas-6 ta' Marzu 2007, Placanica *et* (C-338/04, C-359/04 u C-360/04, Ġabra p. I-1891, punt 69).

## VI — Konklużjoni

74. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li jingħataw ir-risposti li ġejjin għad-domandi li saru mill-Unabhängiger Verwaltungssenat des Landes Oberösterreich:

"1) L-Artikolu 54 KE jew, jekk ikun il-każ, l-Artikolu 12 KE jipprekludu li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru teżiġi, għall-organizzazzjoni ta' titjiriet kummerċjali bil-mongolfjera fuq it-territorju tagħhom, li fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor ikollu uffiċċju rreġistrat jew residenza fl-ewwel Stat Membru.

2) Ħlief fir-rigward tal-kundizzjoni li wieħed ikollu residenza jew uffiċċju rreġistrat fit-territorju nazzjonali, la l-Artikolu 54 KE u lanqas l-Artikolu 12 KE ma jipprekludu li Stat Membru jeżiġi li fornitur ta' servizzi, li jkollu liċenzji għall-organizzazzjoni ta' titjiriet kummerċjali bil-mongolfjera maħruġa fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit, għandu jikseb liċenzji ġodda fl-Istat Membri li fit-territorju tiegħu jiġu pprovduti s-servizzi, bil-kundizzjoni li, waqt il-ħruġ tal-liċenzji, l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru jieħdu inkunsiderazzjoni l-garanziji li l-applikant ikun diġà pprovda fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit.

3) Għandhom jibqgħu inapplikati s-sanzjonijiet amministrattivi imposti kontra fornitur ta' servizzi ta' titjiriet kummerċjali bil-mongolfjera li jkun stabbilit fi Stat Membru peress li dak il-fornitur ma jkollux il-liċenzji ta' trasport u l-liċenzji operattivi meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru fejn jiġu pprovduti s-servizzi, li tissoġġetta l-għoti tagħhom għall-kundizzjoni li wieħed ikollu uffiċċju rreġistrat jew residenza f'dak l-aħħar Stat Membru, bi ksur tal-Artikolu 54 KE jew, jekk ikun il-każ, tal-Artikolu 12 KE."